# Q O R T I Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 176 / 17RGM

Kawża fil-lista: 18

**A-B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali skond l-inkartament anness mal-proceduri ta' medjazzjoni (ittra numru 245 / 17).

2. Illi l-kontendenti zzewgu fit-2 ta' Ottubru 2004 skond ic-certifikat.

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifla wahda ta' 12 il-sena li jisimha Chantelle.

4. Illi l-intimat hu hati versu l-esponenti inter alia ta' adulterju, eccessi, swat, vjolenza, sevizzi, ingurji gravi u mohqrija. Di piu iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment tort uniku tal-intimat.

5. Illi permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Awwissu 2011 gie ordnat illi l-access tal-intimat favur bintu isir taht supervizjoni fl-Agenzija

Appogg kif indikat fl-istess. Madanakollu minn meta inhareg id-Digriet sallum l-intimat qatt ma wera interess li jkollu access jew li jara l-bintu.

6. Illi permezz ta' Digriet Numru 1123/17 fl-atti tal-ittra Numru 245/17 datat 25 ta’ Mejju 2017 ir-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti.

7. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn ma’ l-intimat.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri fuq imsemmija Chantelle esklussivament f’idejn ir-rikorrenti.

3. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti kemm ghaliha personalment u kif ukoll ghal binthom minuri filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipprecepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti.

4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti u jiddekadi mill-manteniment.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl illi l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha ta’ kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana

fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

7. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u tal-Medjazzjoni kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat r-riferti a fol 27 'a tergo' b'konferma li l-konvenut gie notifikat bil-pubblikazzjoni u affissjoni; u li l-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali saret fis-26 ta' Frar 2018;

Rat n-nota tal-attrici tal-20 ta' Marzu 2018 li maghha annettiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta' April 2018 fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI**.

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fl-20 ta' Marzu 2018,[1] iddikjarat li giet ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali skond l-inkartament anness mal-proceduri tal-medjazzjoni. Hi u l-konvenut izzewwgu fit-2 ta' Ottubru 2004 u kellhom tifla wahda, Chantelle li ghandha 12-il sena, u li ghadha tattendi l-iskola. Wara li kienu sseparaw 'de facto' l-attrici kellha zewgt itfal ohra minn haddiehor, Lincoln li twieled fis-27 ta' Awissu 2007 u Noella li twieldet fis-27 ta' Gunju 2015. L-attrici tghid li z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju tal-konvenut u l-eccessi, swat, vjolenza, sevizzi, ingurji gravi u mohqrija da parti tieghu.

B'Digriet tas-17 ta' Awwissu 2011 l-konvenut inghata access ghall-binthom, taht supervizjoni u fl-Agenzija Appogg. Il-konvenut pero' qatt ma wera interess li jkollu access jew li jara lill-bintu.

L-attrici tghid li z-zwieg tfarrak billi l-konvenut kien johrog ma' shabu u ma' xi nisa, kien jdum barra mentri hi kienet tibqa' fid-dar mat-tifla. Hi tghid li l-konvenut ghandu tfal ohra minn nisa ohra. Xhedet illi fil-prezent il-konvenut jabita mal-partner tieghu u ilu maghha ghal xi 11 jew 12-il sena u minnha ghandu zewgt itfal.

---

[1] Fol 40.

L-attrici tghid li ma kienx jikkalkulaha meta kienet tilmenta mieghu dwar il-hrug tieghu mal-hbieb. Xehdet illi l-konvenut kien abbandunaha.

Hi tghid li z-zwieg taghhom sfaxxa ghal kollox wara biss sena u nofs, billi hu beda jfittex il-kumpanija tal-hbieb u lilha abbandunha. Issoportietu sakemm it-tifla kellha sentejn u nofs. Imbaghad il-konvenut ghamel serqa ma' shabu u inqabad u ghamel gimgha arrestat. Hi tghid li kien wehel xi haga izda ma marx il-habs. Kien f'dak iz-zmien li l-attrici tghid li ma felhitx aktar u fis-sena 2006 telqet mid-dar u marret tghix ghand ommha f'San Gwann.

Hi kkonfermat li ma kellhom xejn fil-komunjoni tal-akkwisti billi l-propjeta' li kellhom hadielhom il-Bank, u l-anqas kellhom depoziti bankarji. La hi u l-anqas zewgha ma kellhom propjeta' parafernali, ma kellhomx karozzi u dwar ghamara u mobbli l-attrici tghid 'm'hemm xejn ghax kollox hallejt warajja'.

Hi ddikjarat li ma ghandha l-ebda kuntatt mal-konvenut, ma tafx jekk jahdimx jew le. Hi ma tahdimx, tghix bl-assistenza socjali ta' circa €500 fix-xahar u c-children's allowance. Iddikjarat li t-tifla Chantelle tghix maghha u tixtieq li jkollha l-kura u l-kustodja taghha f'idejha billi mindu sseparaw il-konvenut qatt ma raha jew talab li jaraha.

Il-konvenut ilu ma jara lit-tifla xi ghaxar snin u hi ghalhekk tixtieq li jkollha l-kura u kustodja esklusiva tat-tifla ghax jekk ikollha bzonn xi firma tal-konvenut, apparti li l-anqas taf fejn jinsab, hi konvinta li ma ssib l-ebda ko-operazzjoni minnu.

Il-konvenut, D C gie notifikat bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni u baqa' kontumaci billi ma pprezenta l-ebda risposta u ma ressaq l-ebda prova.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

Il-partijiet izzewgu fit-2 ta' Ottubru 2004, kif jirrizulta mic-certifikat tar-Registru Pubbliku anness mar-rikors promotorju. Minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Chantelle. Ic-certifikat tat-twelid tal-minuri ma giex ipprezentat. Fir-rikors guramentat tal-attrici, pprezentat fl-24 ta' Lulju 2017 gie ddikjarat li t-tifla ghandha 12-il sena. L-unika prova li giet prodotta hi l-affidavit tal-attrici.

Mill-affidavit tal-attrici rrizulta li z-zwieg tal-partijiet 'spicca' wara sena u nofs, cioe' f'April 2006. In fatti, l-attrici ddikjarat li f'dik is-sena telqet mid-dar u marret toqghod ghand ommha f'San Gwann. L-attrici tghid li z-zwieg tfarrak billi l-konvenut kien johrog ma shabu u nisa ohra, kien jibqa' barra sa tard u kien ihalliha wahedha fid-dar mat-tifla. Ma kienx jaghti kasha meta kienet tilmenta mieghu, hu baqa' jghix hajtu bi hrug mal-hbieb, assolutament non-kuranti mill-

obbligi li kellu fil-konfront ta’ martu, u insensittiv ghall-wegghat u s-sentimenti taghha.

L-attrici, in oltre, tallega l-adulterju tal-konvenut. Tghid li ghandu tfal minn nisa ohra, ma tafx ezatt kemm pero’ taf li zgur ghandu zewgt itfal mal-partner attwali tieghu, li jisimha Gina u li ilu maghha xi 11 jew 12 il-sena.

L-attrici ddikjarat ukoll li l-konvenut kien gie arrestat ghal gimgha billi ghamel serqa ma' shabu u nqabdu. Ittiehdu proceduri kriminali pero’ma nghatax piena karcerarja.

Dwar l-allegazzjoni tal-attrici tal-adulterju tal-konvenut, il-Qrati taghna konsistentement irritenew li tali allegazzjonijiet jinhtieg li jigu sufficjentement ippruvati.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Josephine Edwards vs Avv. Dott. Joseph H Xuereb noe”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 1961 ntqal:

“Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta’ testimonjanza ‘de visu’ jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta’ cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt”.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Rosina C vs Angelo C**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 1964 ntqal:

“L-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indagni u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi,precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallux ebda dubbju f’min ghandu jiggudika”.

Fil-kaz in ezami, saret din l-allegazzjoni mill-attici, pero’ din ma giet bl-ebda mod ikkorroborata. Ghalkemm mhux eskluz li seta’ sar l-adulterju da parti tal-konvenut, dan ma gie bl-ebda mod ippruvat. Skont s-sentenzi citati ‘supra’ ghalkemm ma hemmx il-htiega tal-prova okulari, l-provi jinhtieg li jkunu tali li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment li dan jkun realment issucceda.

F’dan il-kaz din il-prova ma saritx, ghallhekk l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut ikkommetta adulterju ma tirrizultax ippruvata.

L-attrici tilmenta mill-eccessi u sevizzji tal-konvenut, mill-passivita’,indifferenza u insensittivita’ tieghu. Kien jitlaqha d-dar mat-tifla u hu johrog jixxghala u jiggerra mal-hbieb. Kienet tqatta’ l-lejli wahedha mal-minuri abbandunata minn zewgha li kien jippreferi il-kumpanija tal-hbieb, kumpanija hazina li wasslet biex jittiehdu proceduri kriminali kontra il-konvenut.

L-attrici tghid li f'dak iz-zmien il-konvenut barra il-hbieb kien jfittex il-kumpanija ta' nisa ohra, u meta kienet tilmenta mieghu dwar il-hrug qatt ma taha kasha u ppersista bl-istess hajja, daqs li kieku ma kienx mizzewweg. Hi tghid li ssopportiet ghal xi zmien sakemm waslet fil-punt li kellha titlaq mid-dar u tmur ghand ommha.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li:
"Il-ligi taghna tqieghed bhala mottivi li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Frar 1969 ntqal:

"biex jkun hemm mohqrija jehtieg jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux jkomplu jghixu flimkien".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal:

"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

Fil-kaz in ezami rrizulta li kien propju l-komportament tal-konvenut fil-konfront tal-attrici li rrenda il-hajja konjugali insopportabbli. Hu baqa' jippersisti jfittex il-kumpanija tal-hbieb flok jgawdi l-familja; kumpanija hazina billi spicca biex kellu jirrispondi ghall-akkuzi kriminali. Dan ma kienx xi incident izolat fil-hajja konjugali tal-partijiet, izda atteggjament kontinwu u persistenti nonostanti l-ilmenti tal-attrici. L-'episodji saljenti' fiz-zwieg tal-partijiet kien il-komportament indifferenti u persistenti tal-konvenut li ta' kull jum kien jabbanduna lill-martu u lill-bintu, biex johrog mal-hbieb.

Iz-zwieg tal-partijiet tkisser ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

L-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Chantelle. Irrizulta li llum din t-tifla ghandha 13-il sena u ghadha tattendi l-iskola. Ilha tghix ma' l-attrici ommha u n-nanna materna mis-sena 2006 meta l-attrici telqet mid-dar konjugali billi ma fellhitx tissopporti aktar l-agir abbuziv tal-konvenut. Il-konvenut f'dawn is-snin kollha qatt ma wera interess fit-tifla, qatt ma ipprova b'xi mod jikkommunika maghha u dan nonostanti li b'digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta'

Awissu 2011, nghata l-fakolta' ta'access taht supervizjoni kull nhar ta' Sibt bejn il-11.00am u l-12.00pm.

L-attrici tiggustifika t-talba taghha billi ma tafx fejn jirrisjedi l-konvenut, ilha snin twal ma tarah u tibza li jekk ikollha bzonn xi firma tieghu in konnessjoni mat-tifla dan ma jkunx irid jikkoppera.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet " **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti poter lill-Qorti li taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Mario Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal:

" meta tigi biex tiddecidi dwar il-kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti m'ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'ihnu l-ahjar interess tal-minuri".

Ma hemm assolutament l-ebda dubbju, li f'dan il-kaz partikolari, hu fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici ommha tigi fdata bil-kura u kustodja esklusiva taghha.

Dwar il-manteniment mitlub ghall-attrici personalment, jirrizulta illi l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob il-manteniment u dan minhabba r-relazzjoni adultera taghha.

Fir-rigward tal-minuri, ghalkemm l-attrici ma resqitx provi dwar xi dhul ghandu l-konvenut; tenut kont li hawn si tratta ta' manteniment ghall-minuri, il-konvenut qua missier l-istess minuri huwa tenut li jikkontribwixxi ghall-ispejjez fit-trobbija tal-minuri. Fic-cirkostanzi l-Qorti sejra arbitrio boni viri tiffissa l-quantum tal-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut bhala manteniment ghall-minuri Chantelle is-somma ta' mija u hamsin ewro (Euro 150).

**DECIDE**.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici; tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; tiddikjara illi z-zwieg tal-partijiet tkisser ghar-ragunijiet unikament

imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut zewgha;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Chantelle esklussivament f’idejn l-attrici;

3. Tichad l-ewwel parti tat-tielet talba u tilqa' t-tieni parti tat-tielet talba; tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Chantelle is-somma ta' mija u hamsin ewro (Euro 150) fix-xahar b'effett mis-16 ta' Frar 2017[2] li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

4. Tilqa’ r-raba’ talba tal-attrici u tordna li jigu kkomminati kontra il-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Tilqa' l-hames talba attrici u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi u lanqas assi parafernali x'jigu assenjati.

6. Tichad is-sitt talba attrici.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

[2] Id-data tal-ittra tal-medjazzjoni